Fraħna, għaliex, jekk tfulija tajba u qawwija hi rahan ta' ħajja twila u fejjieda, dawn it-tnax-il-sena ta' "Il-Malti" huma wegħda sħiħa mhux biss ta'ward isbaħ u ta' frott ibnen fiż-żmien li ġej, iżda wkoll ta' xi wardiet u xi frottiet ġodda li fil-ġonna tagħna jew għadhom ma dehrux, inkella dehru mbiegħda.

U fraħna wkoll, għaliex wara tnax-il-sena ta' fehmiet tajba, ta' ħidma għalenija u ta' xewqat ta' riżq, il-Għaqda tista' fil-ħaqq u fis-sewwa taħseb u tgħid li waslet fejn għanha kien li tasal.

# DWAL

*E il naufragar m'è dolce in questo mare,*
LEOPARDI

Arani fil-għaxija
nixref mit-tieqa għal barra
inħares waħdi – jew, aħjar, ma' ħbiebi,
il-ħsebijiet, —
lejn id-dwal jgħumu fid-dija;
dwal bojjod miżrugħin ħiemda fil-bliet.

Xi ħlewwa! Xi ġmiel!
Min ifisser xi tħoss qalbi
f'dak il-ħin?

Dawk id-dwal fil-bliet miżrugħa
donnhom sema kwiekeb ieħor
jirgħa fl-art!
Nistħajjilhom ġnien bil-ward
lewn iż-żah'r u l-ġiżimin!

Dawk id-dwal għandhom mill-baħar;
baħar tal-fidda
ibus ix-xtut.

Ħalluni negħreq f'dan il-baħar ħiemed:
u bi dwal il-ġmiel u l-hena
immut.

5—XI—36 KARMENU VASSALLO

# VILLA RUMANA

(GĦAJN TUFFIEĦA)

Għadek sabiħa, għadek l-għanja ssamma'
Fuq il-ġwienaħ tas-snin, l-għanja ħemdija
Taż-żmien li ħabbat mat-taħbit ta' qalbek,
U ħawwel fik is-siġra tas-sbuħija:
Nafha dik l-għanja mriegħda b'ferħ ta' ħajja
Mill-ġenji mħarsa, wens ta' l-Erwieħ Sewwa,—
Ismagħha rieġgħa minn ġuf il-warrani
Qawwija dik il-ġrajja:
Taħkem hawnekk l-Imħabba kollha ħlewwa
'Ix-xbejbiet bojod tad-dliel twil, kotrani.

Doqq, doqq fuq l-arpa w għanni, xbejba ħelwa,
Fil-waqt li ż-żgħażagħ tiżfen fuq il-qiegħa,
Tħallix il-ħsieb idennes qatt 'il ħarstek
Jew leħnek jitfi: reġgħet ir-rebbiegħa.
Tfajla nissini b'dan id-daqq ferrieħi
Il-mard, l-uġigħ, l-imrar li ħasel ruħi,
Xarrab bil-bews minn ta' l-imħabba tiegħek
Dil-qalb mimlija ġrieħi:
Ħa, ħu sa' r-ruħ li għandi,— dmugħi.
Wennes il-Musa tiegħi,—żommha miegħek.

Irrid, irrid intir f'ħin wieħed fejnek
Bil-ġwienaħ li tagħtini l-Poeżija;
Dieħel: fil-villa daqq u ġmiel u hena,
Villa sabiħa bl-ogħna dawl mogħnija;
Madwari żfin u mirja, mirja, mirja,
Uċuħ imdawla' u fuq kull wiċċ il-ħmura
Tas-saħħa u tax-xbubija: tgħaddi berqa
Ta' ħars ħalliel, u ġirja
Ta' xewqat li triegħed il-qalb u s-sura,
Hekk kif titriegħed ma' l-irjieħ il-werqa.

Il-Qamar, lewn il-fidda, isawwab xmara
Ta' dija mriegħda fuq l-uċuħ ferħana;
Kwiekeb tnejn biss, donnhom ħarsithom jitfgħu
U jaħkmu ż-żifna b'qawwa ta' sultana;